DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

ta' l-24 ta' April 2007

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-Korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005

(2008/519/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru għat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet finali annwali taċ-Ċentru għat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 – C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jistabbilixxi Ċentru għat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u partikularment l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0101/2007),

1. Jagħti kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru għat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jistabbilixxi l-osservazzjonijiet tiegħu fir-riżoluzzjoni hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-riżoluzzjoni li tifforma parti integrali minnha lid-direttur taċ-Ċentru għat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u sabiex tirranġa/jirranġa għall-pubblikazzjoni tagħhom fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President — Hans-Gert PÖTTERING

Is-Segretarju Ġenerali — Harald RØMER

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 25.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 48.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).
([4]) ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1645/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 13).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.